# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Marzu 2017**

**Kawza Numru : 30**
**Rikors Guramentat Numru : 12/2017/LSO**

**Mark Anthony Micallef (ID462050M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Mark Anthony Micallef datat 5 ta' Jannar 2017 fejn espona: -

Illi l-esponenti twieled ta' Sliema fil-5 ta' Mejju 1950 u dan it-twelid gie debitament registrat bin-numru ta' iskrizzjoni 4620/1950 (Dok. "A");

Illi fuq l-Att tat-Twelid, l-esponenti inghata l-isem ta' *Mark Anthony Micallef Bartolo* bhala isem u l-kunjom li bih kellu jissejjah;

Illi l-esponenti ilu hajtu kollha juza l-isem u kunjom *Mark Anthony Micallef* minflok *Mark Anthony Micallef Bartolo* bhala l-isem u kunjom li bih jigi msejjah u hu maghruf u ilu konsistentement imsejjah u maghruf bl-isem u kunjom *Mark Anthony Micallef* anke mill-familja tieghu u kif ukoll minn qraba, hbieb u konoxxenzi tieghu;

Illi dan huwa kkorroborat mill-karta ta' l-identita' tal-esponenti fejn l-isem tieghu huwa indikat bhala *"Mark Anthony Micallef"* (Dok. "B");

Illi l-istess fatt jirrizulta ampjament ukoll mill-permess ta' residenza mahrug mill-Gvern Spanjol fejn l-esponenti jservi bhala ambaxxatur ta' Malta (Dok. "C"), mill-Passaport ordinarju tieghu li kien igib in-numru 0907346 validu ghall-perjodu bejn it-18 ta' Novembru 2008 u t-18 ta' Novembru 2018 (Dok. "D"), minn ktieb li tieghu l-esponenti huwa awtur bl-isem *"The Politics of Art"* (Dok. "E"), kif ukoll ktieb iehor li tieghu l-esponenti huwa l-editur bit-titlu "Silver and Banqueting in Malta" (Dok. "F");

Illi l-esponenti ghandu interess illi l-Att tat-Twelid tieghu jkun jirrifletti l-isem u kunjom li hu u l-familja tieghu konsistentement juzaw bhala l-isem u kunjom li bih jissejjah u hu maghruf, cioe' *Mark Anthony Micallef* minflok l-isem *Mark Anthony Micallef Bartolo* li jidher fl-Att tat-Twelid tieghu;

Illi ghalhekk l-esponenti jrid li l-kunjom *Bartolo* jigi ikkancellat minn fuq l-Att tat-Twelid u minflok jigi jidher bl-isem u kunjom *Mark Anthony Micallef;*

Illi l-fatti hawn fuq esposti huma kollha maghrufa lill-esponenti personalment.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi jghid l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti huwa konsistentement imsejjah u maghruf bl-isem *Mark Anthony Micallef* u mhux bl-isem *Mark Anthony Micallef Bartolo;*

2. Tordna ghalhekk li l-isem u kunjom *Mark Anthony Micallef* jigi registrat fuq l-Att tat-Twelid tal-esponenti li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 4412/1956 minflok l-isem u kunjom *Mark Anthony Micallef Bartolo* b'dana li l-imsemmi Att jigi emendat fis-sens li l-isem u l-kunjom tal-esponenti ghandhom jaqraw *Mark Anthony Micallef;*

3. Taghti kull provvediment iehor opportun u necessarju sabiex issir ir-registrazzjoni u konsegwenti emenda fl-Att tat-Twelid tal-esponenti *a tenur* tat-tieni talba attrici. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni fil-kunjom ta' missier fl-attur fis-sens li jitnehha l-kunjom Bartolo.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, minn issa imsejjah ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta' Frar 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 6 ta' Frar 2017 (fol 20) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost mill-att tat-twelid tar-rikorrenti bin-numru progressiv erbat elef sitt mija u ghoxrin (4620) tas-sena elf disgha mija u hamsin (1950) jidher illi gie dikjarat illi isem u kunjom missieru kienu Aldo Hercules Micallef Bartolo li in effetti kien l-isem illi kien juza l-missier u ghalhekk *stante* illi dak iz-zmien awtomatikament it-tfal kienu jiehdu kunjom missierhom l-

istess kunjom ta' missieru u cioe' Micallef Bartolo gie moghti lir-rikorrent;

3. Illi bla hsara ghal dak fuq premess mill-att ta' twelid ta' missier ir-rikorrenti bin-numru progressiv tlett elef hames mija u tlieta (3503) tas-sena elf disgha mija u tlieta u ghoxrin (1923) hawn anness u mmarkat bhala DOK DRP 1 jirrizulta illi fil-fatt missier ir-rikorrenti jismu Aldo Micallef;

4. Illi fid-dawl ta' dak suespost bla pregudizzju l-esponent huwa tal-umli fehma illi jkun aktar ghaqli illi jigi korrett, *ai termini* tal-Artiklu 253 (I) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta), isem il-missier fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent bin-numru progressiv erbat elef sitt mija u ghoxrin (4620) tas-sena elf disgha mija u hamsin (1950) fejn sussegwentement il-kunjom tar-rikorrent awtomatikament isir 'Micallef;

5. Illi bla pregudizzju ghal dak suespost l-esponent jissottometti illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi l-esponent Direttur m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti *stante* illi hu nizzel isem u kunjom missier ir-rikorrent skont kif gie dikjarat lilu minn missier ir-rikorrenti li ffirma wkoll l-istess att;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 16 ta’ Frar 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Massimo Vella ghall-attur u Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat. Dr Massimo Vella *ai fini* tat-tielet (3) talba talab li wara l-kliem attrici jizdiedu l-kliem: "*Konsegwentement tordna l-korrezzjoni fil-kunjom ta’ missier l-attur fis-sens li jitnehha l-kunjom Bartolo*". It-talba ma kinetx opposta. Il-Qorti ordnat il-korrezzjoni mehtiega. L-intimat ghadda ruhu b'notifikat bir-rikors guramentat kif korrett. Dr Vella ddikjara li ma kellux aktar provi. Dr Tanti esebiet kopji ta’ zewg certifikati fosthom ic-certifikat tat-twelid tal-missier li juri li l-kunjom tal-missier huma "Micallef” u mhux "Micallef Bartolo". Dr Tanti ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi u rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti, salv ghar-rigward tal-kap tal-ispejjez. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-2 ta' Marzu 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur*** tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta saret debitament fid-9 ta' Jannar 2017 (fol 19) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrent qed jitlob li l-isem u l-kunjom tar-rikorrent kif registrat fl-att tat-twelid tieghu, numru 4620/1950 jigi korrett billi "Mark Anthony Micallef Bartolo" jigi sostitwit b' "Mark Anthony Micallef."

Ir-rikorrent esebixxa l-affidavit tieghu kif ukoll diversi provi dokumentarji fejn kunjomu huwa 'Micallef', fejn fil-permess tar-residenza mahrug mill-Gvern Spanjol, Dok **C** (fol 7), u kif ukoll fil-passaport **Dok D** (fol 8), u f'kopji ta' faccati tal-kotba miktuba minnu bhala awtur, **Dok E** u **Dok F** (fol 9-10) hu mnizzel bl-isem "Mark Anthony Micallef".

Illi izda t-talba odjerna mhix qed issir a tenur tal-artikolu 253(2) tal-Kap 16 imma *stante* zball fir-registrazzjoni billi, kif jirrizulta mir-risposta tal-Intimat, u mic-certifikat tat-twelid ta' missier ir-rikorrent (DOK DRP1) missier ir-rikorrent kien Aldo Micallef u mhux Aldo Micallef Bartolo.

Ghalhekk it-talbiet huma gustifikati u ser jigu akkolti.

Izda, taqbel mal-intimat, li ma jirrizultax li dan il-kaz hu konsegwenza ta' zball jew nuqqas ta' agir da parti tal-intimat fir-registrazzjoni tal-att tat-twelid tar-rikorrent. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez.

Illi bil-korrezzjoni tat-talba tar-rikorrent, hekk kif awtorizzata b'Digriet tas-16 ta' Frar 201 gie mitlub li konsegwentement ghat-talba tar-rikorrent qed jintalab li jigi korrett il-kunjom ta' missier ir-rikorrent fis-sens, li jitnehha l-Kunjom "Bartolo" sabiex il-Kunjom ta' missier it-tarbija jitnizzel bhala "Micallef." Difatti, dan huwa konformi ma' dak eccepit tramite r-raba' eccezzjoni tal-intimat.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti skont kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent huwa konsistentement imsejjah u maghruf bl-isem "Mark Anthony Micallef" u mhux bl-isem "Mark Anthony Micallef Bartolo."

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-isem u kunjom tar-rikorrent fl-att tat-twelid numru erbat elef sitt mija u ghoxrin tas-sena elf, disa' mija u hamsin (4620 /1950), jigi korrett fis-sens, li l-isem u kunjom "Mark Anthony Micallef Bartolo" jigi sostitwit bl-isem u kunjom "Mark Anthony Micallef."

3. Tilqa' t-tielet talba, billi konsegwentement tordna wkoll il-korrezzjoni fil-kunjom ta' missier ir-rikorrent fl-istess att tat-twelid numru 4620 tas-sena 1950, fis-sens li jitnehha l-kunjom "Bartolo.".

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**2 ta' Marzu 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**2 ta' Marzu 2017**